

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/722

**tal-31 ta' Marzu 2023**

**li jimplimenta r-Regolament (UE) 2023/427 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/427 tal-25 ta' Frar 2023 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 1, il-punt (20) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-25 ta' Frar 2023, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2023/427, li emenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 (²) u introduċa aktar miżuri restrittivi biex jiġu sospiżi l-attivitàajiet tax-xandir fl-Unjoni, jew diretti lejn l-Unjoni, ta' ċerti strumenti tal-media. Dawk l-strumenti tal-media huma stabbiliti fl-Anness V tar-Regolament (UE) 2023/427. Skont l-Artikolu 1, il-punt (20), tar-Regolament (UE) 2023/427, l-applikabbiltà ta' tali miżuri firrigward ta' wieħed jew diversi minn dawk l-strumenti tal-media hija soġġetta għall-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni mill-Kunsill.
- (2) Wara li eżamina l-każijiet rispettivi, il-Kunsill ikkonkluda li l-miżuri restrittivi msemmija fl-Artikolu 2f tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 jenħtieġ li jaapplikaw mill-10 ta' April 2023 fir-rigward tal-entitajiet imsemmija fl-Anness V tar-Regolament (UE) 2023/427,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

### Artikolu 1

Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 2f tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 għandhom jaapplikaw mill-10 ta' April 2023 fir-rigward tal-entitajiet imsemmija fl-Anness V tar-Regolament (UE) 2023/427.

### Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Marzu 2023.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

*J. ROSWALL*

<sup>(¹)</sup> ĠU L 59I, 25.2.2023, p. 6.

<sup>(²)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 1).